MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1027/2000/1

Marisa **HIGGINS** u Vanessa Abela u l-konjuġi rispettivi tagħhom David Higgins u Carmelo Abela, għal kull interess li jista' jkollhom

vs

Paul u Maria Lourdes *sive* Lourdes **BONNIĊI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Mejju, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin jaħtu għad-danni mġarrbin minnhom

b'riżultat tal-mewt tal-ġenituri tagħhom fit-13 ta' Mejju, 2000, minn ġrieħi kawżati minn tiri ta' arma tan-nar; u (b) tillikwida d-danni kaġunati u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom is-somma hekk likwidata bħala danni flimkien mal-imgħax legali fuqha b'seħħ minn dak inhar li nfetħet il-kawża. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħaħ il-jeddijiet tagħhom għal kull azzjoni oħra spettanti lilhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-29 ta' Awissu, 2000, li biha l-imħarrka Lourdes Bonniċi laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-mewt tal-miżżewġin Dalli, u dan minbarra l-fatt li kemm hi u kemm familtha kienu ilhom il-mira ta' inċidenti ta' molestja u intimidazzjoni min-naħa tal-istess miżżewġin Dalli;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-29 ta' Awissu, 2000, li biha l-imħarrek Paul Bonniċi laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li ma jaħtix għall-inċident billi dan ġara waqt li iddefenda lilu nnifsu meta l-miżżewġin Dalli marru biex jaħbtu għalih. Minbarra dan, l-istess miżżewġin Dalli kien ilhom jimmolestaw u jintimidaw lilu u 'l familtu għal żmien twil. Huwa żamm sħiħ il-jedd tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jintemmu l-proċeduri kriminali mibdijin kontrih;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Novembru, 2000[1], li bih ħatret lill-Avukat Greta Mifsud Aġius bħala Assistent Ġudizzjarju biex tieħu x-xhieda u tiġbor id-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2005[2], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tal-5 ta' Ottubru, 2004, ipprovdiet dwar jekk l-imħarrek għandux jixhed u jekk ix-xhieda li kien diġa' ta sa qabel dakinhar kellhiex titneħħa mill-atti tal-kawża;

---

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Paġġ, 125 – 8 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2006[3], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tad-29 ta' Mejju, 2006[4], ħatret lill-Psikjatra Dottor David Cassar bħala espert mediku biex jirrelata dwar l-istat tal-moħħ tal-imħarrek fiż-żmien tal-inċident;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit Mediku fit-23 ta' April, 2008[5];

Rat li minkejja li l-Qorti tat lill-atturi l-fakulta' li jressqu lill-Perit Mediku b'xhud tagħhom in eskussjoni, naqsu li jħarrkuh minkejja li ressqu nota b'għadd ta' mistoqsijiet li riedu jagħmlulu[6];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrkin waqt is-smigħ tat-3 ta' Frar, 2010 (reġistrata u traskritta)[7];

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2010[8], li bih u fuq talba tal-avukat tal-atturi, tat lill-atturi żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'nota;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-29 ta' April, 2010[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-15 ta' Lulju, 2010[10] bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[3] Paġġ. 214 – 5 tal-proċess
[4] Paġ. 186 tal-proċess
[5] Paġġ. 229 sa 238 tal-proċess
[6] Paġġ. 259 – 260 tal-proċess
[7] Paġġ. 267 sa 285 tal-proċess
[8] Paġ. 286 tal-proċess
[9] Paġġ. 289 sa 308 tal-proċess
[10] Paġġ. 313 – 8 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' danni mġarrba mill-atturi wara l-qtil tal-ġenituri tagħhom li ġara fit-13 ta' Mejju, 2000, b'arma tan-nar li kienet f'idejn l-imħarrek;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi, fil-każ tal-imħarrka Lourdes Bonniċi, hija qalet li ma kienet taħti bl-ebda mod għall-mewt tal-ġenituri tal-atturi, iżda, għall-kuntrarju, saħqet li kemm hi u kemm familtha kienu għal żmien twil molestati w intimidati mill-istess ġenituri tal-atturi; filwaqt li l-imħarrek Paul Bonniċi laqa' billi qal li l-inċident ġara waqt li kien qiegħed jiddefendi ruħu leġittimament wara li l-ġenituri tal-atturi ippruvaw jaħbtu għalih;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-ġenituri tal-atturi – Joseph u Carmela Dalli – kienu joqogħdu f'"*Helios*", Triq Santa Marija, f'Ħal Għaxaq. L-imħarrkin miżżewġin Bonniċi kienu joqogħdu f'dar bl-isem ta' "*Soleil*" fl-istess triq u tmiss mad-dar tal-miżżewġin Dalli. Joseph Dalli kien xtara l-art li fuqha bena d-dar tiegħu mingħand missier l-imħarrek, u kien bniha wara li l-imħarrkin kienu bnew id-dar tagħhom[11]. Sa minn żmien, kien hemm inċidenti bejn iż-żewġ familji[12], b'rapporti fl-Għassa tal-Pulizija b'xiljiet reċiproċi[13]. Iż-żewġ familji ma kenux jitkellmu ma' xulxin;

Illi għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu tat-18 ta' Mejju, 2000, l-imħarrek kien qed isuq vann mill-għalqa tiegħu fil-limiti ta' Ħal Għaxaq lura d-dar. Waqt li kien qiegħed idaħħal il-vann fir-remissa li tagħmel mad-dar tiegħu, ra lill-miżżewġin Dalli ġejjin lejh jgħajtu. Hu mar jiġri ġol-*garage* u qabad senter ikkargat li kien iżomm hemm u wkoll kaxxa bi skrataċ u ħareġ jiġri għal warajhom. Malli ntebħu li kien riesaq armat, huma ippruvaw jidħlu lura f'darhom. L-imħarrek spara l-ewwel fuq Carmela Dalli u laqatha; imbagħad, spara fuq Joseph Dalli u laqtu wkoll. Kif kienu minxura mal-art quddiem id-dar tagħhom, l-imħarrek reġa' sparalhom f'rashom u ħallihom mejta fuq il-post[14]. Daħal lura d-dar, u ipprova

[11] Xhieda tal-imħarrek 25.11.2003, f'paġġ. 89 – 90 tal-proċess
[12] Xhieda tal-imħarrka 10.5.2005, f'paġ. 138 tal-proċess
[13] Affidavit tal-attriċi M. Higgins, 15.10.2003, f'paġġ. 62 – 4 tal-proċess
[14] Stqarrija tiegħu 13.5.2000, Dok "DS1", f'paġ. 37 tal-proċess

jċempel lill-Pulizija, imma ma setax jaqbad mal-Għassa taż-Zejtun. Mar jinħasel u jbiddel sakemm il-Pulizija jaslu. Waqt li kien id-dar ta lill-Pulizija l-verżjoni tiegħu ta' x'ġara[15] u x'sehem kellu fl-inċident[16]. ;

Illi dak inhar stess, il-Pulizija ġabru lill-imħarrek u wara nofsinhar ħallielhom stqarrija[17] li fiha għaraf li kien hu li spara għall-miżżewġin Dalli u qatilhom. L-imħarrek kien ingħata t-twissija li sata' ma jgħid xejn u li dak li jgħid kien se' jitniżżel. Hu għażel li jiffirmaha u reġa' tenna l-istqarrija tiegħu taħt ġurament quddiem il-Maġistrat inkwirenti;

Illi dak inhar li tilfu ħajjithom, missier l-atturi kellu wieħed u ħamsin (51) sena u kien jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurta' ma' ditta privata, filwaqt li omm l-atturi kellha tmienja u erbgħin (48) sena u kienet impjegata f'lukanda;

Illi fl-24 ta' Mejju tal-2000, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jirrigwardaw il-każ, il-Qorti jidhrilha li l-**kwestjoni tar-responsabbilta'** tal-inċident trid tkun mistħarrġa qabel kull ħaġa oħra. Mill-atti tal-kawża joħroġ li l-imħarrek ma ċaħadx li kien hu li spara lejn il-ġenituri tal-atturi. Minbarra dan, fil-proċeduri kriminali li saru wara li nħareġ kontrih Att ta' Akkuża, l-imħarrek kien stqarr il-ħtija tiegħu qabel beda l-ġuri u ngħatat sentenza skond dik l-ammissjoni[18]. Huwa miżmum li minkejja li l-proċediment kriminali u dak ċivili jitmexxew indipendentement il-wieħed mill-ieħor[19], ma hemm xejn barra minn postu li qorti f'kawża ċivili tieħu qies tal-provi u x-xhieda li tkun inġabet quddiem qorti kriminali biex tasal għall-fehma tagħha dwar is-siwi tal-provi li jkunu nġabu u kemm wieħed jista' joqgħod fuqhom[20]. L-istess jingħad dwar sentenza mogħtija minn qorti ta' kompetenza kriminali[21];

[15] Dok "DS2", f'paġġ. 41 – 4 tal-proċess
[16] Xhieda tal-Ispettur David Saliba 5.6.2003, f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess
[17] Dok "DS1", f'paġġ. 36 – 40 tal-proċess
[18] Krim. JGD 4.4.2005
[19] Art. 6 tal-Kap 9
[20] P.A. **1.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.768**)
[21] Ara art 627(1) tal-Kap 12 u P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Briffa pro et noe vs Vincent Oliver Abela pro et noe*** u s-sentenzi li jissemmew fiha

Illi waqt is-smigħ ta' din il-kawża, l-imħarrek ċaħad il-fatti li jissemmew fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija[22], filwaqt li xehed li r-raġuni waħdanija għaliex hu irreġistra ammissjoni qabel ma ssejjaħ il-ġuri kienet parir mogħti lilu mid-difensur tiegħu biex b'hekk jeħles milli jeħel piena ta' għomor il-ħabs[23]. Il-Qorti tistqarr li dawn iż-żewġ asserzjonijiet tal-imħarrek ftit li xejn inaqqsu mir-responsabbilta' ta' dak li ġara. Jistgħu jkunu sura ta' strataġemma biex jipprova jwaqqa' jew itaffi xi ftit mill-qawwa probatorja tal-istqarrija u tal-fatti l-oħrajn li joħorġu minnha, imma mhux wisq aktar minn hekk. Il-Qorti għalhekk m'hijiex fi ħsiebha li twarrab dak li jingħad fl-istqarrija. Terġa' u tgħid, kien saħansitra l-għaref difensur tiegħu li sejjes il-biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet tiegħu sewwasew fuq x'qal l-imħarrek fl-imsemmija stqarrija bla ma semma liema kienu dawk il-partijiet li ma jikkorrispondux mas-sewwa;

Illi, madankollu u minbarra dan, f'din il-kawża l-imħarrek qajjem il-kwestjoni tal-leġittima difiża biex ineħħi minn fuqu kull responsabbilta' dwar dak li ġralhom il-ġenituri tal-atturi. Din hija linja difensjonali meħuda wkoll mill-imħarrka, għalkemm hija ma jidher li kellha l-ebda sehem dirett f'dak li seħħ dak inhar tal-qtil tal-miżżewġin Dalli. L-imħarrek baqa' jtenni din il-linja difensjonali wkoll wara li ntemmu l-proċedimenti kriminali meħuda kontrih;

Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tistħarreġ l-ewwel <u>il-kwestjoni tar-responsabbilta' li l-atturi jgħabbu biha lill-imħarrka Lourdes Bonniċi</u>. Mill-atti kollha tal-kawża ma tressqet l-ebda prova li Lourdes Bonniċi kienet taħti għall-inċident li wassal għall-mewt tal-ġenituri tal-atturi. Il-fatt waħdu li fl-imgħoddi sata' kien hemm episodji ta' ġlied u argumenti bejn iż-żewġ familji ma jagħmilx b'daqshekk lill-imħarrka kompliċi ta' żewġha l-imħarrek f'dak l-episodju li huwa l-bażi waħdanija tal-azzjoni attriċi. L-allegazzjoni tal-ħtija saret mill-atturi u jaqa' fuqhom li jipprovaw dak li jallegaw;

---

[22] Xhieda tiegħu 10.5.2005, f'paġ. 132 tal-proċess
[23] Xhieda tiegħu 19.10.2006, f'paġġ. 204 – 5 tal-proċess

Illi lanqas jista' jingħad li l-preżenza tagħha f'din il-kawża tista' sservi biex tintegra l-ġudizzju fir-rigward tar-responsabblita' tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn l-imħarrka u żewġha, u dan għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum, il-komunjoni tal-akkwisti ma tagħmilx tajjeb għad-dejn jew indenniżż li joħroġ minn reat li jkun sar bir-rieda[24], jekk mhux b'mod sussidjarju fir-rigward biss ta' dak mill-miżżewġin li jkun ħati ta' tali responsabbilta u biss fir-rigward tas-sehem tiegħu jew tagħha mill-istess komunjoni[25];

Illi l-Qorti ma ssibx li s-sottomissjonijiet magħmulin mill-atturi[26] tassew iwasslu biex jorbtu lill-imħarrka Lourdes Bonniċi ma' dak li seħħ dak inhar u wisq anqas mal-mewt tal-ġenituri tal-atturi. Għall-kuntrarju, tqis l-isforz li sar mill-atturi biex jimplikaw lill-imħarrka fil-mewt tal-ġenituri tagħhom bħala tentativ imqanżaħ biex, akkost ta' kollox, jorbtuha mal-qtil, meta l-fatti li jinsabu fl-atti tal-kawża ma juru xejn minn dan kollu;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi naqsu li jippruvaw li l-imħarrka Lourdes Bonniċi taħti għall-mewt tal-ġenituri tagħhom u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi safejn din it-talba tirreferi għall-imsemmija mħarrka;

Illi <u>l-kwestjoni tar-responsabbilta' tal-imħarrek Paul Bonniċi</u> hija diskors ieħor. Diġa' rajna li l-imħarrek ma jiċħadx li kien hu li spara l-arma u li dan l-egħmil ġab il-mewt tal-ġenituri tal-atturi. Lanqas l-għaref difensur tiegħu ma ċaħad dan il-fatt waqt li kien qiegħed jittratta l-każ quddiem din il-Qorti. Jgħid, madankollu, li fil-waqt u l-ħin li l-imħarrek uża l-arma tan-nar, ma kienx responsabbli ta' dak l-egħmil u dan minħabba li f'dak il-waqt hu kien qiegħed jiddefendi lilu nnifsu minn aggressjoni mwettqa mill-ġenituri tal-atturi u bħala difiża leġittima tiegħu nnifsu;

Illi jeħtieġ li wieħed jistabilixxi li din id-difiża li jressaq l-imħarrek tfissret fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Huwa jgħid li

[24] Art. 1327(f) tal-Kap 16
[25] Art. 1329(1) tal-Kap 16
[26] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġġ. 300 – 1 u 307 tal-proċess

ma kienx jaħti għal dak li ġara minħabba li huwa "aġixxa in leġittima difesa, wara li Joseph u Carmela konjuġi Dalli marru jaggredixxu lill-konvenut". Fi kliem ieħor, din il-linja ta' difiża titkellem dwar u taqa' fil-qafas ta' dak li huwa magħruf bħala d-delitt skużabbli[27]. L-imħarrek jrieġi din id-difiża tiegħu fuq ċirkostanza ta' aggressjoni min-naħa tal-vittmi dak il-ħin li seħħ l-inċident mibnija fuq qagħda patoloġika li kienet ilha ġejja s-snin u li kienet imkebbsa minn bosta episodji bejnu u l-vittmi li seħħew fuq medda twila ta' żmien qabel dakinhar;

Illi fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabbilta' akwiljana l-prinċipju jibqa' li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha[28]. Il-liġi titkellem ċar ukoll li jaħti ta' għamil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[29]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[30]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għamil doluż jew kolpuż[31];

Illi ingħad li l-ħsara kaġunata waqt taqbida jew ġlieda m'hijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għamil kriminuż vera u proprju li għaliha japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali[32];

Illi l-imħarrek jidher li jsejjes id-difiża tiegħu fuq il-provokazzjoni mqanqla mill-aggressjoni tal-ġenituri tal-atturi. Biex isseħħ din id-difiża, ukoll fil-qasam ta' azzjoni ċivili għad-danni, jrid jintwera li jrid ikun hemm grad xieraq ta' proporzjonalita' bejn l-egħmil meqjus provokatorju u l-egħmil li jnissel il-ħsara[33]. Fil-każ tal-lum, l-imħarrek jgħid li din l-aggressjoni kienet ġejja mill-fatt li, bla ma kien ta fastidju jew ipprovoka min-naħa tiegħu, missier u omm l-

[27] Ara art. 227 tal-Kap 9
[28] Art. 1031 tal-Kap 16
[29] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[30] Art. 1033 tal-Kap 16
[31] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[32] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **XL.i.376**)
[33] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Carbonara pro et noe vs Mark Julian Ryan et***

atturi daru għalih u aggredewh, filwaqt li missier l-atturi kellu f'idejh arma tan-nar;

Illi ma hemm l-ebda dubju li ladarba l-imħarrek qiegħed iqanqal il-linja tad-difiża leġittima personali, jaqa' fuqu l-piż li jipprovaha[34]. F'dan ir-rigward, ingħad li "*In most civil actions, the burden of the issues is divided, each party having one or more cast upon him. Certainly if the defendant responds to a claim, not by merely denying its existence, but by raising a defence to it, the burden of proving all the elements of the defence will be on him....... And in negligence, the onus of proving the negligence is upon the plaintiff, but if the defendant pleads contributory negligence, the onus of proving it is upon him*"[35];

Illi biex isaħħaħ din id-difiża tiegħu, huwa ressaq provi dwar il-bosta episodji li kien ilhom jiġru bejnu u bejn il-ġenituri tal-atturi sa minn mindu dawn xtraw l-art ta' ħdejn id-dar tiegħu u saru ġirien tal-familja Bonniċi. Ressaq ukoll bosta xhieda biex jgħidu dwar l-imġiba u l-karattru tal-ġenituri tal-atturi. Xehed b'reqqa u fit-tul dwar il-miżuri li ħa biex "jiffortifika" d-dar tiegħu kontra d-dħul fiha min-naħa tal-istess ġenituri tal-atturi jew min minnhom. U, b'mod ġenerali, ressaq l-istorja twila ta' biżgħa qawwi li kien jaħkmu minħabba l-preżenza waħedha tal-istess miżżewġin Dalli, liema kundizzjoni immanifestat ruħha wkoll fis-sejbiet tal-espert psikjatriku maħtur mill-Qorti, kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem;

Illi dan kollu l-Qorti ratu u flietu b'reqqa ħalli tipprova tifhem x'kien għaddej minn moħħ l-imħarrek dak inhar tal-inċident. Filwaqt li tagħraf li din il-qagħda ma kenitx frott l-istħajjil u setgħet kienet tabilħaqq dettata mill-karattru x'aktarx belliġerenti tal-ġenituri tal-atturi, ma tasalx għall-fehma li dak li seħħ kien tassew ir-riżultat ta' ħbit jew aggressjoni tal-istess ġenituri tal-atturi jew li kien tabilħaqq twarrib ta' egħmil ta' vjolenza tali li jdaħħal fis-seħħ il-massima "*vim vi repellere licet*". Lanqas ma toħroġ il-konvinzjoni li kien hemm proporzjon bejn l-allegat attakk min-naħa tal-vittmi u r-rejazzjoni tal-imħarrek. Kif jingħad

---

[34] Maġ (Għ) AE **10.8.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Xerri vs Joseph Rapa et*** (appellata)
[35] Elliott & Phipson Manual of the Law of Evidence (12th Edit), paġ. 55

minnu fl-istqarrija tiegħu dak inhar li kellem lill-Pulizija, sa ftit waqtiet qabel ma ġara li ġara, omm l-atturi kienet qiegħda tiknes għall-affari tagħha l-parapett tad-dar tagħha u żewġha lanqas kien ħdejha. Fit-tieni lok, meta l-imħarrek uża l-arma tan-nar fuq il-ġenituri tal-atturi, dawn instabu minxura mal-art jew fl-istess parapett jew fuq il-bankina quddiem id-dar tagħhom. Fit-tielet lok, l-imħarrek kellu ħin biżżejjed biex jidħol fil-garaxx u joħroġ minn hemm bis-senter u s-skrataċ, minflok ma għażel li jistkenn fid-dar tiegħu, kif seta' u messu tabilħaqq għamel li kieku tassew kien qed jiġi aggredit mill-ġenituri tal-atturi. Fir-raba' lok, u iżjed sinjifikattiv, ma nstabet l-ebda arma (la tan-nar u lanqas ta' sura oħra) qrib xi waħda mill-vittmi (kif l-imħarrek jallega li kien armat missier l-atturi hu u ġej lejh[36]), u dan minkejja li fuq ix-xena mill-ewwel inġabret in-nies u ma damux ma ġew il-Pulizija u ma jidhirx li kien hemm ħin fejn xiħadd (li żgur ma kinux l-atturi, għaliex l-ebda waħda minnhom ma kienu hemm dak il-ħin) sata' ħeba arma bħal dik jew warrabha mix-xena tal-inċident;

Illi jiżdied jingħad li l-kondizzjoni ta' biżgħa u ta' assedju li l-imħarrek kien daħal fih kien ilha fuq l-imħarrek żmien wisq qabel dak inhar. Kien hemm episodji oħrajn, kif jixhdu l-istess imħarrek u martu, fejn il-ġenituri tal-atturi jew min minnhom kienu ġabu rwieħhom b'mod aggressiv magħhom jew ma' wliedhom; kien hemm episodji oħrajn fejn jista' jingħad li missier l-atturi jew ommhom kienu aktar aggressivi minn dak li jidher li kienu dak inhar tal-inċident. F'dawk l-episodji l-oħrajn kollha, l-imħarrek żamm lura u lanqas biss deherlu li kellu jagħmel rapporti lill-Pulizija biex ma jaqlax inkwiet u għaliex hu stess jistqarr li kien jibża'. Imma dak inhar tal-inċident, il-biżgħa ħallietu u ma żammitux lura milli jtemm darba għal dejjem l-aggressjoni li huwa kien jara fil-persuna tal-ġenituri tal-atturi. Kif sejjer jingħad minnufih, jinħalaq dubju dwar jekk din il-għamla ta' mġiba kenitx tixhed passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ li minħabba fiha, fil-waqt li seħħ l-inċident, l-imħarrek ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu[37];

[36] Interessanti l-verżjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin b'replika għal dik tal-atturi fejn jingħad li Joseph Dalli "leħaq wasal sas-senter u qabdu b'idu (mhux li ġie lura bih)", f'paġ. 313 tal-proċess

[37] Ara art. 227(ċ) tal-Kap 9

Illi l-perit psikjatra maħtur mil-Qorti fuq talba tal-imħarrek innifsu, wasal għall-fehma li l-imħarrek kien ilu minn żgħożitu maħkum minn stat ta' biżgħa u li kien ibati minn diżordni ta' personalita' paranojka[38]. Żied jgħid li l-imħarrek ma jbatix minn ġenn "fit-termini tal-liġi"[39], u li jbati minn stat ta' ansjeta' qawwija[40]. Dwar dawn il-fehmiet milħuqa mill-perit mediku psikjatriku, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek kien jaf x'qiegħed jiġri u x'qiegħed jagħmel x'ħin immira l-arma tan-nar lejn il-ġenituri tal-atturi. Imġiebtu stess wara li spara l-ewwel tiri – jiġifieri li jerġa' jagħtihom tir ieħor f'rashom biex ikun ċert li mietu – trid tabilfors titqies bħala waħda konxja u bir-rieda. Ukoll jekk l-imħarrek kien (u jista' jkun li għadu) għaddej minn stat kroniku ta' ansjeta' u disordni paranojika personali, dan ma jneħħix ir-responsabbilta' għal dak li għamel u lanqas jaqta' r-rabta kawżali bejn dak l-egħmil u l-effetti li ġab miegħu;

Illi, minħabba f'dan, lanqas jista' jingħad li l-imħarrek jista' jistkenn wara l-iskuża tal-għamil aċċidentali jew tal-forza maġġuri[41], billi jgħid li huwa għamel li għamel minħabba difiża leġittima. Dan għaliex huwa magħruf li l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża, li hija mibnija fuq l-aspett li l-ġrajjiet ma kinux evitabbli, ma toqgħodx flimkien mad-difiża tal-provokazzjoni[42];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Pawlu Bonniċi jaħti għall-mewt tal-ġenituri tal-atturi u għaldaqstant irid iwieġeb għall-ħsara li huma (l-atturi, bħala wliedhom) ġarrbu minħabba dan l-egħmil tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi**, jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi[43] li l-ħsara li l-persuna misjuba responsabbli għal inċident trid twieġeb għaliha hija dik tat-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġab direttament lill-parti mġarrba, l-ispejjeż li l-parti

---

[38] Rapport Peritali f'paġġ. 231 – 2 tal-proċess
[39] *Ibid.* paġ. 237 tal-proċess
[40] *Ibid*, paġ. 238 tal-proċess
[41] Art. 1929 tal-Kap 16
[42] P.A. NC **13.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Norbert Farruġia vs John Faruġia et***
[43] Art. 1045 u 1046 tal-Kap 16

mġarrba kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew ta' qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem. Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-egħmil, il-liġi tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati;

Illi, kif ingħad, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li missier l-atturi Joseph Dalli kellu wieħed u ħamsin (51) sena meta miet filwaqt li omm l-atturi, Carmela Dalli kellha tmienja u erbgħin (48) sena. It-tnejn li huma kellhom impieg. Dak iż-żmien, ħadd miż-żewġ uliedu l-atturi ma ntwera li kien, b'xi mod jew ieħor, dipendenti tiegħu għaliex it-tnejn kienu miżżewġin;

Illi, kif ingħad sewwa mill-Qrati tagħna, aċċident mhux xi entita' astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-negliġenza tiegħu, jkun ikkawżahom[44];

Illi dan l-eżerċizzju jwassal għall-istħarriġ tat-tieni talba attriċi;

Illi, tajjeb jew ħażin, id-disposizzjonijiet tal-liġi li l-Qorti trid tqis f'każ bħal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-parti mħarrka li tinstab responsabbli għad-danni u kemm hu l-ammont li l-parti attriċi jkun jistħoqqilha tirċievi hija waħda li fiha xi aspetti li għandhom jiġu studjati;

Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li f'dan il-każ, l-atturi qegħdin jidhru fil-kwalita' tagħhom ta' werrieta tal-ġenituri tagħhom li tilfu ħajjithom bl-egħmil u bi ħtija tal-imħarrek Pawlu Bonniċi u l-kumpens li qegħdin jippretendu mingħand l-imħarrkin huwa dak kemm dwar telf għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-Qorti tista' tagħti bħal fil-każ ta' inkapaċita' totali għal dejjem, meqjusa skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

---

[44] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

Illi l-atturi ma ressqu l-ebda prova dwar nefqiet attwali ("*damnum emergens*") u għalhekk qiegħda tqis li l-atturi ma għandhom l-ebda pretensjoni f'dan ir-rigward kontra l-imħarrek;

Illi, fit-tieni lok, il-vittmi kienu persuni li kienu għadhom impjegati t-tnejn u kellhom dħul separat[45];

Illi, fit-tielet lok, lill-Qorti jirriżultalha bla ebda ħjiel ta' dubju li l-mewt ta' Joseph u Carmela miżżewġin Dalli kienet il-konsegwenza diretta tal-inċident. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba egħmil traskurat jew negliġenti[46], aħseb u ara dwar egħmil b'rieda. Għal din il-Qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed;

Illi, fir-raba' lok, kif ingħad, fis-sentenza maġistrali tal-Qorti tal-Appell tat-**22 ta' Diċembru, 1967**, fil-kawza fl ismijiet ***Butler vs Heard***[47] "*il-liġi tagħna tipprovdi għal kumpens għat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri għal-liġijiet ta' pajjiżi oħra progressivi li jipprovdu anke għal kumpens - xi drabi l-uniku possibbli, għat-"telf personali" …Ta' min jawgura illi din il-fergħa tal-liġi tiġi, kif jixraq riformata*." (a fol 504);

Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċita' totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma żmien qabel is-sentenza ta' Butler u Heard, kienet fissret li, f'każ ta' inċident li fih il-

---

[45] Ara Dokti "VA4" sa "VA7", f'paġġ. 80 – 3 tal-proċess
[46] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerald Buġeja vs David Gatt***
[47] Kollez. Vol: **Ll.i.488**

vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilita', għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni[48];

Illi fi żvilupp ta' dawn l-ahhar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġriehi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi[49];

Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti *iure haereditatis*, iżda jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom[50], u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis*[51];

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Petrie et vs Ċiappara*** tat-22 ta' Gunju, 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taht l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);

---

[48] App. Ċiv. **22.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Petrie et vs Ċiappara*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.364**)
[49] P.A. GCD **17.2.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Turner et vs Francis Aġius et*** (mibdula b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fit-**28.11.2003**); u P.A. RCP **29.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Attard et vs Stephen Micallef***, fost oħrajn
[50] P.A. TM **28.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**28.11.2008** fl-aspett tal-likwidazzjoni**)**
[51] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea et vs Silvio Piscopo*** (mhix appellata)

Illi l-Qorti tħoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għandhom jissemmew fil-qosor:

(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti – jiġifieri: (i) it-telf attwali mġarrab mill-vittma; (ii) spejjeż minfuqin minnu; (iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u (iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;

(b) illi l-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;

(c) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut[52];

(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, prekundizzjoni u fattur essenzjali għall-ghoti ta' kumpens; u

(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta' jiġri fil-ġejjieni;

Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji jkun ifisser li l-qisien tal-kumpens għandhom jsiru skond il-kundizzjonijiet prevalenti meta seħħ l-inċident u li, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli jiġi likwidat, irid isir tnaqqis *pro rata* biex tagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun sejjer iseħħ qabel ma kien ikun il-każ kieku l-inċident ma ġarax;

[52] App. Ċiv. **29.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppi Aġius et vs Tarċisju Fenech***

Illi għal dak li li jirrigwarda l-likwidazzjoni tat-telf għall-ġejjieni jidher li hemm żewġ fatturi ewlenin li jiddeterminaw din il-kwestjoni: l-ewwel waħda hija l-eta' tal-vittmi dak inhar li ġara l-inċident, u t-tieni hija l-fatt li huma kienu t-tnejn impjegati bi qligħ;

Illi dwar il-qies tal-*multiplier* il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tagħmel riferenza għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…"*[53];

Illi la l-atturi u lanqas l-imħarrkin ma ressqu sottomissjonijiet dwar l-aspett tal-likwidazzjoni tad-danni għaliex iż-żewġ partijiet illimitaw irwieħhom għall-kwestjoni tar-responsabbilta'. Għalhekk, il-Qorti sejra tħaddem ir-regoli li jidhrilha li huma mħaddma mill-Qrati tagħna u tapplikahom għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Iżżid tgħid li l-kriterju tal-*multiplier* ma jintemmx hekk kif persuna tagħlaq l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u lanqas il-Qrati tagħna ma jidher li jħaddnu din il-fehma[54];

Illi, għalhekk, meta wiehed iqis l-eta' rispettiva tal-miżżewġin Dalli u l-fatt li kienu jidhru li għadhom b'saħħithom jidher xieraq li jintuża *multiplier* ta' ħdax-il (11) sena fir-rigward ta' Joseph Dalli u ta' tnax-il (12) sena fir-rigward ta' Carmela Dalli;

Illi, dwar id-dħul tal-vittmi, jirriżulta li Joseph Dalli, fl-aħħar sena sħiħa li ħadem (1999), kellu dħul nett ta' sebat elef tliet mija u tletin euro (€ 7,330) filwaqt li martu Carmela

---

[53] Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz, 1986), pag 53

[54] Ara, per eżempju, P.A. GV **28.2.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuele Buħaġiar vs Kyle Stone et*** u Maġ (Għ) AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud*** (mhix appellata)

kienet qalgħet sebat elef u sitta u għoxrin euro (€ 7,026) netti mill-impieg tagħha. Jekk wieħed iqis iż-żidiet li kienu se' jkunu intitolati għalihom fil-medda tas-snin[55] li l-Qorti qiegħda tqis bħala l-bażi tal-*multiplier* fir-rigward ta' kull wieħed u waħda minnhom, dan iwassal għal somma ta' disgħa u disgħin elf disa' mija u sitta u erbgħin euro (€99,946)[56] fir-rigward ta' Joseph Dalli u s-somma ta' mija u ħamest elef tliet mija u erbgħa u tmenin euro (€ 105,384)[57] fir-rigward ta' Carmela Dalli;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-miżżewġin Dalli kienu jgħixu ħajja indipendenti u għal rashom u ma ntweriex li l-atturi wliedhom kienu b'xi mod jiddependu minnhom għall-għixien tagħhom. F'każ bħal dan, u fuq is-saħħa tax-xejra meħuda mill-Qrati dwar dan l-aspett (li ma joħroġx espressament mil-liġi, iżda li huwa fattur li jaf l-iżvilupp tiegħu minn attivita' ġurisprudenzjali[58], u li mhux dejjem kien inkontestat[59]), il-Qorti sejra tapplika t-tnaqqis minħabba d-dipendenza u minħabba l-element tal-konsum tad-dħul tagħhom li kienu jagħmlu l-miżżewġin Dalli kieku baqgħu ħajjin. Dan jingħad ukoll minħabba l-fatt li l-kriterju li l-liġi trid għall-għoti tal-kumpens f'każijiet bħal dan m'huwiex dak ta' "tpattija" lill-parti ħatja, daqskemm ta' radd lura lill-parti mġarrba (f'dan il-każ, ulied il-mejtin miżżewġin Dalli) tal-ħsara li l-mewt tkun ġabet magħha[60];

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tnaqqas ħamsin fil-mija (50%) mis-somma sħiħa likwidata bħala tnaqqis minħabba l-grad ta' dipendenza u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) bħala kejl tal-konsum. Ma jidhrilhiex li għandha tagħmel tnaqqis minħabba li s-somma sejra titħallas f'daqqa, u dan minħabba ż-żmien li għadda biex il-kawża waslet fi tmiemha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-atturi

---

[55] Dawn huma determinabbli skond l-A.L. 126 tal-1992 minħabba li sad-data li qiegħda tingħata s-sentenza, ż-żewġ persuni kien mistenni li jkunu laħqu l-eta' tal-irtirar

[56] (€ 7,330 + € 1,756) x 11 = € 99,946

[57] (€ 7,026 +€ 1,756) x 12 = € 105,384

[58] Ara, per eżempju, Maġ (Għ) AE **3.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela armla Cassar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta et*** (konfermata fl-Appell fis-**26.3.2010**) għal eżami mirqum tal-kriterji mħaddma

[59] Ara, per eżempju, P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea vs Silvio Piscopo***

[60] App. Ċiv. **27.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et***

bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) minħabba l-mewt ta' l-ġenituri tagħhom Joseph u Carmela miżżewġin Dalli fis-somma ta' sitta u sebgħin elf disa' mija u tmienja u disgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 76,998.75)[61];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrka Maria Lourdes *sive* Lourdes Bonniċi billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk **tiċħad it-talbiet attriċi** safejn dawn jirrigwardaw lill-imsemmija mħarrka;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** biss fil-konfront tal-imħarrek Paul Bonniċi billi ssib li huwa jaħti għad-danni mġarrba mill-atturi minħabba l-mewt tal-ġenituri tagħhom Joseph u Carmela miżżewġin Dalli li ġrat bil-qtil tagħhom b'arma tan-nar fit-13 ta' Mejju, 2000;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' sitta u sebgħin elf disa' mija u tmienja u disgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 76,998.75) u billi tikkundanna lill-imħarrek Paul Bonniċi jħallas lill-atturi s-somma msemmija bħala danni likwidati minħabba l-mewt tal-ġenituri tagħhom, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek Paul Bonniċi jħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk tal-imħarrka Lourdes Bonniċi, li jitħallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[61] (€ 205,330 x 0.5 x 0.75) = € 76,998.75